MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 389/2013

Raymond **Portelli u Jennifer Portelli**

**vs**

**David Grech u Jane Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Dicembru 2013 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti solidament

jhallsu lill-atturi s-somma ta’ disat elef u tmien mitt ewro (€9,800) rapprezentanti l-bilanc dovut lir-rikorrenti wara li huma kienu sellfu lill-intimati s-somma ta’ tnax-il elf ewro (€12,000) b’titolu ta’ self brevi manu bil-kundizzjoni li: (i) il-hlas kellu jsir permezz ta’ pagamenti konsekuttivi ta’ elf ewro (€1,000) fix-xahar, (ii) bl-ewwel pagament isir fil-hmistax (15) ta’ Gunju tas-sena 2013 u dana sakemm jithallas l-ammont kollu, (iii) u dana bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) mahdum a skaletta, liema imghax jiddekorri biss jekk id-debitur ma jhallasx l-ammont kif spjegat f’dan il-ftehim, (iv) fl-eventwalita’ li d-debitur ikun moruz fil-hlas ta’ zewg pagamenti konsekuttivi jew kumulitattivi u jibqa’ hekk moruz ghall-hmistax (15) il-gurnata wara u dan skont l-annessa skrittura ffirmata bejn il-partijiet u mmarkata bhala ‘dokument RP1’ datata 23 ta’ Mejju 2013.

Illi l-intimati ma onorawx il-ftehim hawn fuq surreferit u dana stante li kienu moruzi fil-hlas ta’ zewg (2) pagamenti konsekuttivi skond ma tipprovdi l-istess skrittura.

Illi ghalkemm interpellati, l-intimati baqghu inadempjenti, u ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tikkundanna lill-intimati solidament jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ disat elef u tmien mitt ewro (€9,800) rapprezentanti bilanc dovut mis-somma mislufa lill-intimati.

2. Bl-imghax kontra l-intimati mid-data ta' meta l-pagament kien dovut, u bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut David Grech kien gie debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Reno Spiteri datata 14 ta' Jannar 2014 a fol. 5 tergo tal-process u l-konvenuta Jane Grech giet notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Godfrey Burrows datata 9 ta' Frar 2014 a fol. 7 tergo tal-process

Illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2014 il-konvenuti gew imsejha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-atturi tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' disat elef u tmien mitt ewro (€9,800) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ewwel skadenza meta l-pagament kien dovut.**

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------